27 ta' Novembru, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Carmelo Delia *versus* Fortunato Victor Lauri**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Korrezzjoni — Morożità fil-Ħlas tal-Kera — Art. 175 tal-Kap. 15.**

*Il-Board tal-Kera jista' f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, isewwi żball fl-ismijiet tal-partijiet, basta li ebda tibdil jew korrezzjoni ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni.*

*Formola li l-lokatur jibgħad lill-inkwilin biex jgħarrfu li kien kemm kera skadut tekwivali għall-interpellazzjoni li trid il-liġi għall-finijiet tad-dekadenza mill-inkwiinat minħabba morożità.*

Il-Qorti — Wara li rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jieħu taħt idejh il-fond nru. 56 St. Margaret's Street, Sliema, mikri lill-intimat, għax dan mhux puntwali fil-ħlas tal-kera, u, għalkemm saru diversi interpellazzjoniijet (Dok. A.B.C.D), huwa baqa' moruż skond il-liġi;

*Omissis;*

Wara li rat il-verbal ta' l-24 ta' Awissu 1953, fejn ir-rikorrent talab li l-isem ta' l-intimat jitbiddel, fis-sens li l-ewwel isem tiegħu għandu jkun Fortunato, u d-digriet ta' l-istess ġurnata mogħti mill-Board, fejn ġiet milqugħa din it-talba

u ġiet ordnata l-korrezzjoni meħtieġa;

Wara li rat id-digriet l-ieħor tal-Board tad-9 ta' Settembru 1953, li bih ġie korrett in-numru tal-fond;

Wara li rat is-sentenza tal-Board tad-9 ta' Settembru 1953, li biha l-Board laqa' t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ta lill-intimat xahrejn żmien, u ordna li l-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi tal-każ jibqgħu mingħajr taxxa; billi kkunsidra;

Illi, skond il-liġi, il-Board jista' f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, isewwi zball fl-isem tal-partijiet, basta li ebda tibdil jew korrezzjoni ma jkun jbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni (art. 175 Kap. 51, applikabili anki għall-proċeduri quddiem il-Board), u d-digriet li ppermetta il-korrezzjoni fl-isem issana kwalunkwe irritwalità li seta' forsi kien hemm. Il-korrezzjoni magħmula ma hi ta' ebda importanza, u żgur li ma taffettax la t-talba u lanqas l-eċċezzjoni: u ta' min jinnota li fir-Reġistru Elettorali l-intimat huwa mniżżel bħala "Victor F. Lauri";

Illi l-formola li tgħarraf lill-inkwilin li kien hemm kera skadut għandha indubbjament tirrit̂jeni ruħha bħala l-interpellazzjoni li trid il-liġi, għax dik il-formola mhix ħlief "kont" ta' dak li għandha tagħti persuna, u l-ispedizzjoni tal-kont ma tistax ikollha sinifikat ieħor ħlief dak ta' talba għall-pagament;

Illi mid-depożizzjoni ta' Alfred Delia, li jieħu ħsieb l-affarijiet ta' missieru, jirriżulta li l-iskadenza ta' l-1 ta' April 1953 ġiet mitluba......... ... Vwoldiri fiż-żewġ okkażjonijiet il-kera ġie mħallas jew offert iżjed minn ħmistax il-ġurnata wara l-interpellazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-intimat fol. 12, li bih appella mid-deċiżjoni tal-Board, u talab li tiġi revokata, u li t-talba tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Kwantu għall-preġudizzjali dwar il-korrezzjoni magħmula mill-Board, dan għamel żewġ korrezzjonijiet, waħda fl-isem ta' l-intimat, u l-kwistjoni tan-nullità kienet "biss" fuq din il-korrezzjoni (ara fol. 6), u oħra fin-numru tal-fond, li dwaru ma jidherx li kien hemm oppożizzjoni......... Issa l-appell-

lant qed jibbaża l-preġudizzjali tiegħu mhux aktar fuq il-korrezzjoni ta' l-isem, iżda tan-numru;

*Din* il-preġudizzjali hi għal kollox infondata. Ma hemmx ebda *fond ieħor mikri* mir-rikorrent *lill-intimat ħlief dan*, u l-provi saru "hinc inde" fuq il-*fond* hekk mikri; u għalhekk il-korrezzjoni kienet ġustifikata u fil-limiti tal-liġi;

*Fil-meritu*;

*Hija* ġusta l-interpretazzjoni tal-Board li l-*formola li kienet tinbagħat* lill-appellant biex tgħarrfu li kien hemm kera skadut tikkostitwixxi l-interpellazzjoni li trid il-liġi. Din il-Qorti, fis-sentenza "Camilleri vs. Attard Portoghese", 22 ta' Ġunju 1925, qalet, fil-kors tal-motivazzjoni :— "Avendo egli *detto che riceveva dal Dr. Galea un avviso informandolo della* scadenza del fitto, il che equivaleva ad una prudente richiesta del pagamento........" Ma hemm xejn fil-liġi li jirrikjedi li l-interpellazzjoni, kif jidher qed isostni l-appellant, għandha tkun f'termini imperjużi jew minatorji;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant. Dawk tal-prima istanza jibqgħu kif provvduti;

It-terminu jibda jgħaddi mil-lum.